# il-Ħuttafa

Numru **160**

Settembru - Ottubru 2020



**Fenek Selvaġġ**

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf

Mark Zammit Cordina



7 Ottubru 2020

Frieħ tal-**fekruna komuni** ħerġin mit-tieni bejta fir-ramla tal-Għadira.

# Ħbieb Ħuttaf...

## mill-editur

F'dawn l-aħħar ġimgħat kellna aħbar sabiħa u aħbar kerha fuq in-natura.

L-aħbar sabiħa kienet li komplew faqqsu l-bejtiet tal-fkieren tal-baħar, u salvaw iktar minn 300 fkejruna (ara paġna 3). Din l-aħbar turi kemm għad hawn nies li jridu jgħinu lin-natura.

L-aħbar kerha kienet li biċċtejn art enormi spiċċaw f'idejn il-kaċċaturi u n-nassaba (ara paġna 16). Din l-aħbar turi kemm għad hawn nies li ma jimpurtahomx min-natura. Għax kieku jimpurtak min-natura ma tagħtix biċċa art kbira lil nies li joqtlu l-għasafar għall-gost.

Jekk tħobb in-natura, lil dawn in-nies għassishom aħjar, mhux tagħtihom art kbira fejn ħadd ma jitħalla jara x'qed jagħmlu.

Jekk trid tgħin lin-natura, l-imsaġar kabbarhom, ikkurahom u ndukrahom, mhux tafdahom f'idejn min jeqred in-natura!

Il-Miżieb u L-Aħrax huma żewġ imsaġar kbar fl-inħawi tal-Mellieħa. Kienu tħawlu mill-gvern fis-snin Ħamsin (1950s) u Sittin (1960s) u anke l-BirdLife kienet tgħin fit-taħwil. Meta s-siġar kibru bdew jintużaw mill-kaċċaturi biex jisparaw fihom.

Matul dawn l-aħħar 15-il sena l-BirdLife issorveljat Il-Miżieb u L-Aħrax, u kull sena rat għexieren ta' għasafar protetti jinqatlu, u rrappurtat lill-pulizija ħafna kaċċaturi li nqabdu jiksru l-liġi.

Issa l-BirdLife mhux ħa tkun tista' iktar tgħasses f'dawn il-postijiet, għax waqt li jkunu għall-kaċċa (għal disa' xhur fis-sena) il-kaċċaturi għandhom il-poter ikeċċuna. U ħa jkeċċu lil kulħadd, anke lilek u lill-familja tiegħek.




Victor

Victor Falzon
L-Editur

### L-istaġuni tal-qtil

| Xahar | Kaċċa |
|---|---|
| Jannar | kaċċa għall-għasafar |
| Frar | |
| Marzu | |
| April | kaċċa għas-summien |
| Mejju | |
| Ġunju | kaċċa għall-fenek |
| Lulju | kaċċa għall-fenek |
| Awwissu | kaċċa għall-fenek |
| Settembru | kaċċa għall-fenek; kaċċa għall-għasafar |
| Ottubru | kaċċa għall-fenek; kaċċa għall-għasafar |
| Novembru | kaċċa għall-fenek; kaċċa għall-għasafar |
| Diċembru | kaċċa għall-fenek; kaċċa għall-għasafar |

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Victor Falzon

### Fenek Selvaġġ

Wild Rabbit *Oryctolagus cuniculus*

Il-fenek selvaġġ huwa l-ikbar mammiferu tal-art li għandna f'Malta. Aktarx li mhux indiġenu imma ġabuh in-nies fi żmien il-qedem, forsi fi żmien ir-Rumani! Il-fenek selvaġġ ftit narawh għax binhar joqgħod mistoħbi fil-ħofra, u joħroġ jirgħa filgħaxija jew qabel jisbaħ, ħalli ħadd ma jarah. Minn Ġunju sa Diċembru jista' jinqatel mill-kaċċaturi. Miskin!

Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife Malta

## F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Ġnien għan-Natura | 4–5 |
| L-Għargħar | 6 |
| Fjuri tal-Ħarifa | 7 |
| Il-Merill | 8–9 |
| Fried-egg Jellyfish | 10 |
| Art page | 11 |
| Iż-Żanżarell tat-Tikek | 12–13 |
| Amy's Diary | 14 |
| Showing Respect | 15 |
| Down at Salina | 15 |
| Homes for the Stormies | 15 |
| Msaġar Ċimiteri | 16 |


## Wrote for this issue...

Thais Amaral (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Abbie Ferrar, Angelique Lofaro (NTM), Marie Vella (BOV)

## club

Klabb Ħuttaf is the junior section (-18yrs) of BirdLife Malta. Members can attend many activities, including walks, visits to nature reserves, boat trips and environmental work. Members received by post the bi-monthly magazine *Il-Ħuttafa*. Families too can become members, and will then also receive the quarterly adult members' magazine *Bird's Eye View*. Subscription is €10 per annum for Klabb Ħuttaf and €29 for Family.

## contact

tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Ottubru 2020
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052

# 300 jaqdfu!



**Inkredibbli! Das-sajf kellna fir-ramliet tagħna mhux inqas minn sitt bejtiet tal-fekruna tal-baħar. Minn dawn faqqsu 336 bajda, li minnhom iktar minn 300 fkejruna ġrew lejn il-baħar.**



Mark Zammit Cordina

Fkejruna ħierġa friska mill-bejta!

**Dari l-fekruna komuni kienet tbejjet regolari fir-ramliet tagħna imma f'dawn l-aħħar mitt sena rari baqgħet tagħmel dan għax żied ħafna żvilupp fix-xtut.**

**Però f'dawn l-aħħar 10 snin kellna waħdiet li bejtu b'suċċess (ara l-aħħar *Il-Ħuttafa*). Dis-sena kienet rekord, b'sitt bejtiet (li nafu bihom) f'erba' ramliet differenti: ir-Ramla l-Ħamra (Għawdex), ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay), ir-Ramla tal-Għadira (Mellieħa Bay) u l-Fajtata (San Tumas, Marsaskala). Hawn hi l-lista tas-sitt bejtiet ... u ta' x'ħareġ minnhom!**

| xatt | faqqsu | data |
|---|---|---|
| Ir-Ramla 1 | **84** (minn 105) | 2 Awwissu |
| Il-Mixquqa | **76** (minn 95) | 24 Awwissu |
| Il-Fajtata | 31 (minn 80)* | 4 Settembru |
| Ir-Ramla 2 | **58** (minn 102) | 13 Settembru |
| L-Għadira 1 | **17** (minn 83) | 22–25 Settembru |
| L-Għadira 2 | **70** (minn 90) | 7–9 Ottubru |

*B'xorti ħażina din il-bejta ħadd ma nduna biha minn qabel. Il-frieħ li faqqsu minnha mietu kollha għax ma setgħux joħorġu mir-ramel peress li tballat wisq min-nies li għaddew minn fuqu.

Is-suċċess tal-fkieren ma kienx ikun mingħajr l-għajnuna ta' iktar minn 300 voluntiera. Ir-ramliet Maltin jimtlew nies fis-sajf u mingħajr ħarsien il-bejtiet kienu jfallu, kif ġara bil-bejta tal-Fajtata. Binhar u bil-lejl gruppi ta' voluntiera indukraw il-bejtiet biex ħadd ma jirfes, iħaffer jew ibagħbas madwarhom. Kienu hemm ukoll biex meta jitla' l-baħar (ara ritratt) iħaffru trinek u jibnu munzelli ramel biex il-bejtiet ma jegħrqux. U kienu hemm ukoll ħalli meta l-bajd ifaqqas ikunu bil-lest biex jgħinu l-frieħ isibu l-baħar. Prosit lil Nature Trust li daħlet għal din il-biċċa xogħol, u b'mod speċjali lil Angelique Lofaro li kkordinat kollox.

Mark Zammit Cordina






Għadira Nest 2

Victor Falzon



F'Malta jidhru tliet speċi ta' fkieren tal-baħar. L-iktar waħda li tidher hija l-**fekruna komuni** (*Caretta caretta*), bl-Ingliż **loggerhead turtle**. Għal ħafna snin is-sajjieda kienu jaqbdu l-fkieren u jbigħuhom għall-brodu jew għall-qoxra. Fl-1992 l-fkieren tal-baħar saru mħarsin bil-liġi u għalhekk ma setgħux jinqabdu iktar. Dawn il-fkieren jgħixu ħajjithom kollha fil-baħar. Fi żmien il-bejta, però, in-nisa jitilgħu fuq ramla bil-lejl, iħaffru ħofra fir-ramel, ibidu ħafna bajd, jgħattu kollox u jerġgħu lura fil-baħar. Wara xi xahrejn, jekk ikunu b'xortihom, il-frieħ ifaqqsu u jiġru lejn il-baħar.




# *Ġnien għan-Natura*

*Kitba* ***Desirée Falzon***
*Tpinġija Victor Falzon*

**Kif tiġbed in-natura lejn il-ġnien tiegħek**

# L-Arbuxxelli

**Fost il-pjanti li jikbru fil-kampanja Maltija għandna ħafna arbuxxelli. Fil-fatt iktar għandna arbuxxelli minn siġar. Minħabba li għandna ħamrija baxxa u blat fil-wiċċ is-siġar ma jirnexxilhomx jgħixu għax l-għeruq tagħhom iridu l-fond. Arbuxxell qisu siġra żgħira u folta u l-għeruq iserrpu bejn xquq fil-blat għax irqaq u iqsar minn tas-siġar. Ġnien bl-arbuxxelli indiġeni mhux biss m'għandux bżonn ħafna kura, imma jġiblek varjetà ta' ħajja.**

## X'inhu arbuxxell?

**Arbuxxell (bl-Ingliż *bush* jew *shrub*) huwa pjanta li flok tikber minn zokk wieħed oħxon (bħal siġra) tikber minn diversi friegħi. Minħabba f'hekk arbuxxell jieħu forma aktarx għat-tond. Hemm arbuxxelli li jikbru baxxi fl-art u hemm oħrajn għoljin diversi metri.**

## X'inħawwel?

Agħżel postijiet bix-xemx. Issa ftakar li biex tiġbed il-ħajja lejn il-ġnien tiegħek trid l-insetti, u ħafna insetti jfittxu l-fjuri. Għalhekk agħżel arbuxxelli li jiftħu l-fjuri fi staġuni differenti ħalli dejjem ikollok x'toffri lill-insetti – apparti li jkollok ġardina dejjem imżejna bil-ġmiel tal-fjuri.




Ftakar li l-arbuxxelli jikbru, u ma jikbrux bl-istess rata. Pereżempju tħawwilx xorbett ħdejn sagħtar għax ix-xorbett jikber malajr u jispiċċa jgħatti lis-sagħtar.

Agħżel arbuxxelli li joqgħodu fl-ispazju li għandek. Ara kemm jikbru (lista p.5) u ppjana b'mod li ma jgħattux ix-xemx lil xulxin. Ħażżeż pjan fuq karta u kkalkula kif se jidhru u kemm l-ispazju li għandek ħa jħallik tagħmel arbuxxelli. Is-sabiħ tal-arbuxxelli huwa wkoll li l-aħdar tagħhom kollha jvarja xi ftit. Flimkien mad-daqsijiet differenti dawn il-pjanti jagħmlulek il-ġnien interessanti.

## X'ħajja jiġbdu?

Għal ħafna annimali l-arbuxxell huwa supermarket. Fi żmien il-fjuri jkollok varjetà ta' insetti skont id-daqs tal-fjura. Xi **ħanfus** u **xagħat** jieklu l-weraq. Din mhix problema sakemm ikun hemm numru żgħir. Dejjem ikkontrolla bl-idejn, tużax pestiċidi.

Diversi **brimb** bħall-brimb tal-fjuri (*crab spiders*) jikkampjaw qalb il-weraq ħalli jaqbdu l-insetti, oħrajn jinsġu l-għanqbut bejn il-friegħi għal **dubbien**, **baħrijiet** u li jiġi. Diversi **żnażan** iħufu l-weraq u l-fjuri tal-arbuxxelli jfittxu dud u xgħat biex jitimgħu 'l uliedhom. Bil-
















Ritratti ta' Desirée Falzon u Victor Falzon, ħlief numru 11 ta' Aron Tanti

lejl taf tisma’ l-ħoss ħelu ta’ xi **grilli** jkantaw u jsaffru minn qalb il-weraq.

Il-katina tal-ikel tingħalaq bl-għasafar. Il-**bufula sewda** hija tipika tal-ġonna u faċli taraha tfittex l-insetti qalb il-weraq tal-arbuxxell. Fix-xhur il-friski l-**vjolin tax-xitwa** jixxala jteftef u jgħarrex qalb il-weraq ta’ arbuxxelli folti għal insetti żgħar.

Jekk għandek arbuxxell imdaqqas f’rokna kwieta, hemm ċans tajjeb li l-bufula sewda anke tbejjitlek fih.

## Minn fejn inġibhom?

Ħafna drabi m’intix se ssib arbuxxelli Maltin fil-ħwienet tal-ġonna. Ma jimpurtax, din sfida sabiħa għal min iħobb in-natura tagħna.

L-aħjar mod biex tkattar huwa li tiġbor iż-żerriegħa u tesperimenta bl-aħjar żmien biex tiżragħhom, jew fil-ħarifa jew fir-rebbiegħa. Iż-żerriegħa tkun lesta minn xi ġimagħtejn sa xahar wara li jkun hemm il-fjuri. Żomm nota ta’ x’għamilt ħalli titgħallem mill-esperjenza tiegħek stess u taqsam dak li tgħallimt ma’ ħbieb li wkoll qed jippruvaw.


1


2


3


4

Żur il-paġna **Dinja Waħda** fuq **Facebook** għal aktar tagħrif u pariri dwar ġbir ta’ żerriegħa għall-arbuxxelli li semmejna hawn.

| | isem | name | bil-fjuri | jogħlew |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Borgħom | Yellow Germander | rebbiegħa | sa xi 75ċm |
| 2 | Ċistu Roża | Hoary Rock-rose | Marzu sa April | sa xi 60ċm |
| 3 | Deru | Lentisk | Frar sa Marzu | sa xi 4m |
| 4 | Klin | Rosemary | is-sena kollha | sa xi 75ċm |
| 5 | Salvja tal-Madonna | Great Sage | Marzu sa April | sa xi 50ċm |
| 6 | Sagħtar | Mediterranean Thyme | Mejju sa Lulju | sa xi 40ċm |
| 7 | Siġra tal-Ħarir | Wolfbane | Novembru sa April | sa xi 180ċm |
| 8 | Spika* | Lavender | rebbiegħa, sajf u ħarifa | sa xi 75ċm |
| 9 | Tengħud tax-Xagħri | Maltese Spurge | Frar sa Mejju | sa xi 150ċm |
| 10 | Te Sqalli | White Hedge-nettle | Diċembru sa Ġunju | sa xi 75ċm |
| 11 | Widnet il-Baħar | Maltese Rock-centaury | Mejju sa Lulju | sa xi 50ċm |
| 12 | Xorbett | Golden Samphire | Settembru sa Novembru | sa xi 75ċm |
| 13 | Żebbuġija | Olive-leaved Germander | Diċembru sa Ġunju | sa xi 150ċm |

*Mhix indiġena għal Malta imma għall-Mediterran




10


11


12


13



# SANDARAC GUM TREE

**WE ARE SO LUCKY!** Lucky that in Malta we share our lives with so many different types of plants and animals, some of which have been crowned as National Species. In this issue we are featuring the Sandarac Gum Tree *(Tetraclinis articulata)*, the National Tree, popularly known as *l-għargħar.*

WHERE IS IT FOUND ?

This tree usually grows naturally in maquis and rocky slopes. The species was more frequent over 100 years ago but is now rare in the wild.

IS IT PROTECTED ?

The Sandarac Gum Tree has been legally protected since 1993.* Declared the National Tree in 1992, it was further protected through the list of National Species in 2018.**



IS IT INDIGENOUS ?

Yes, it is indigenous, that is, it has always existed naturally in the Maltese Islands. Being originally from North West Africa, in Europe it is found only in Malta and in southern Spain.



*L.N. 49 of 1993
**S.L. 549.120

*LOOK OUT FOR THE MALTESE FRESH WATER CRAB IN THE NEXT ISSUE!*

ERA
Environment & Resources Authority

# Fjuri tal-ħarifa


Victor Falzon
**Tulliera**
Sticky Fleabane


Victor Falzon
**Spraġ Xewwieki**
Spiny Asparagus


Victor Falzon
**Kiesħa**
Evergreen Traveller's Joy


Desirée Falzon
**Żagħfran Selvaġġ**
Yellow-throated Crocus


Aron Tanti
**Narċis Imwaħħar**
Autumn Narcissus


Victor Falzon
**Siġra tal-Ħarir**
Wolfbane


Victor Falzon
**Xorbett**
Golden Samphire

Ħafna fjuri jiftħu fir-rebbiegħa imma hemm ukoll diversi pjanti li jiftħu l-fjuri fl-istaġuni l-oħrajn. Dawn huma 10 speċi li jwarrdu fil-ħarifa. Meta toħroġ fil-kampanja ħu l-magażin miegħek u ttikkja dawk li ssib.


Aron Tanti
**Ċfolloq**
Autumn Buttercup


Desirée Falzon
**Liedna**
Ivy


Aron Tanti
**Busieq**
Mediterranean Meadow-saffron

# Merill

Blue Rock Thrush *Monticola solitarius*



Ritratt ta' Aron Tanti – meħud fil-park tal-Majjistral


BirdLife
MALTA

# IT'S FRIED EGG JELLYFISH SEASON AGAIN!

This beauty is known in Maltese as "qassata" due to its similarity with the traditional Maltese pastry. You can also hear people referring to it as "tal-lampuki" since it blooms from August to October, same period when the famous dolphinfish fishing season happens.



## DID YOU KNOW?

When considering the size of the umbrella (the top part), the fried egg jellyfish can reach up to 35cm!

They obtain nutrients not only from the algae they host but also by ingesting small plankton- small organisms that float in the water and can't swim!

Loggerhead turtles love eating them! Fancy some yummy eggs for breakfast?



**DON'T BE JELLY - THEY CANNOT HARM HUMANS!** Instead of only catching prey, these jellyfish also host tiny algae in their tentacles which give them not only a beautiful purple colour but also more nutrients for the jelly to survive! For this to happen these jellyfish always have to stay close to the water surface so the algae can be exposed to enough sunlight and then do photosynthesis. Why sting when you can be friends, right?

## NOW IT'S TIME TO TEST YOUR KNOWLEDGE!

**1. What are jellyfish?**
A. Fish
B. Animals related to corals and anemones
C. Plants

**2. How long have jellyfish been around in planet Earth?**
A. 100 years
B. 1 million years
C. 500 million years

**3. How much of a jellyfish body is water?**
A. Up to 5%
B. Up to 50%
C. Up to 95%

Answers: 1.B, 2.C, 3.C

Victor Falzon





# Colour the Storm-petrel

The storm-petrel is a tiny bird that lives all its life at sea. It only comes on land in summer to nest. Thousands of storm-petrels nest on Filfla Island – that's why this bird's Maltese name is Kanġu ta' Filfla.

Go to page 15 to see how Klabb Ħuttaf kids helped storm-petrels.



**Send us your nature drawings!**



Elena Curmi
(Yr 4 Laura Vicuña, Għasri)



**Spurge Hawkmoth**



**Kingfisher**

Emerson Cardona (Yr 6 Mosta B)

Victor Falzon

# iż-żanżarell tat-tikek

## L-insectoraptor tal-ġonna!



Aron Tanti

Munqaru rqiq qisu pinzetta fina, għodda tajba biex biha jaħtaf insetti żgħar!

Minkejja li jismu żanżarell tat-tikek (bl-Ingliż *spotted*) fuq sidru mhux tikek għandu imma strixxi. Iż-żanżarelli l-oħrajn m'għandhomx marki fuq sidirhom.

Bħal żanżarelli oħrajn, iħobb jitperreċ f'tarf ta' fergħa biex minn hemm itir u jaħtaf insett mill-ajru. Imbagħad spiss jerġa' lura għal fuq l-istess perċa.

Saqajh qosra u suwed.

Ġwinħajh itwal minn taż-żanżarelli l-oħrajn.

Iħobb jagħti tferfiriet qosra b'denbu, *flicking* bl-Ingliż.

Isem xjentifiku *Muscicapa striata*
Isem bl-Ingliż Spotted Flycatcher
Daqs 13.5-15ċm
Piż 15g
Ikel insetti żgħar
Ħabitat msaġar u ġonna
Status Komuni fil-passa.
Ibejjet f'numri żgħar, qed jinfirex bil-mod.

Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u xi ħwienet tal-kotba.

Id-daqs proprju ta' bajda taż-żanżarell tat-tikek



Victor Falzon



Raymond Galea

Il-bejta tkun pulita ħafna minn ġewwa, u fuq barra mżejna b'weraq u likeni, aktarx biex tkun kamuflaxx. Il-mara tbid 3-4 bajdiet, li jfaqqsu wara xi ġimgħa u nofs.

Il-bejta s-soltu jibnuha f'siġar kbar bħal żnuber u ċipress.

Imma mhux dejjem!



Victor Falzon

Din il-bejta bnewha fuq ħoġor ta' pilastru taħt porċ, għall-kenn mix-xita u r-riħ ...



John J Borg

... u din bnewha ġo gandlier tal-metall imdendel mis-saqaf ta' bini miftuħ!

Żanżarell żagħżugħ li m'ilux li tajjar (tgħallem itir).



John J Borg



Koniferi x'ikunu?

Koniferi huma siġar li jkabbru l-prinjoli, bħal żnuber u ċipress.

Isa ħej x'inti brava!



Victor Falzon

Fiċ-ċimiterju tal-Addolorata ż-żanżarell tat-tikek ibejjet kull sena. Il-kwiet u l-koniferi kbar joħolqu ħabitat perfett.

Żanżarell qed jitma' liż-żewġ uliedu mfarfrin u mġewħin!




Aron Tanti

# AMY'S DIARY

Heyyy Huttafers,

The one and only Amy here!

I hope you are all keeping safe and sound at school or at home. I wasn't very happy to start school. I do miss the beach so very much! But we go the country side on weekends. And I get to ride the bike I got for Christmas.

LILY




(spending money)

I have set my eyes on the coolest helmet ever. Mum and Dad said I already have a good helmet so, if I wanted another one, I had to figure out how to save for it.

I thought I would be fine, to be honest, my piggy bank LILY is usually quite heavy. So I was very upset when I found her... ALMOST EMPTY!

How could it be when I've been helping out and earning money?

Not gonna lie, sulking about it all morning was not my finest moment...

Turns out, no matter how much you earn, you will never save if you spend it all...

Check out my DO's & DON'Ts!

## AMY's "How NOT to spend all your money" QUICK GUIDE

| DO | DON'T |
|---|---|
| ✓ eat packed lunch | ✗ buy snacks and junk food |
| ✓ carry water in eco-friendly reusable water bottle | ✗ Spend all your money as soon as you get it |
| ✓ play with free apps | ✗ drink sugary soft drinks in plastic bottles |
| ✓ borrow books from the library | ✗ buy before checking prices |
| ✓ compare prices before buying | ✗ spend without keeping track |

**Look after the CENTS and the EUROS will look after themselves**

Peace Out

Amy

BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

# Showing respect!



**Someone needed to put up a railing across this place, but there was a tree root in the way. So did they chop down the tree to make way for the fence? No, they chopped up a piece of the fence instead, to make way for the tree. This picture was not taken in Malta. Do you think people respect trees in Malta?**

Last spring BirdLife built a log island in the middle of one of the old Salina saltpans. Birds like **herons** and **cormorants** love to perch on log islands in the middle of lakes because they feel safe there. **Fish** and **shrimps** too love to swim and hide among the logs underwater, so it's a great place too for **grebes** to dive and look for lunch!

Aron Tanti

Salina is turning into a wonderful nature reserve!




Aron Tanti

# Homes for the Stormies!




John J Borg





Photos Katarzyna Pacon

On 26 September 2020, Klabb Ħuttaf families joined our seabird experts at Salina nature reserve to learn more about the Mediterranean storm-petrel. They helped us build nest boxes for these tiny seabirds. In spring these boxes will be taken to Filfla for the storm-petrels to use. The nest boxes are specially designed to keep the birds safe from predators. Thanks everyone!

Always check for activities on our website www.birdlifemalta.org or on Facebook

# Photo Competition!



Take part in the BirdLife Junior Photo Competition!

Take pictures of your favourite animals, plants or other nature things and **win!**

**There's prizes!**

1. Binoculars
2. Bird Memory Game
3. Book Għasafar Madwarna

Entry opens **1 Nov 2020**
Entry ends **30 Nov 2020**

For more details send an email to **education@birdlifemalta.org**



# Msaġar Ċimiteri!

**Il-Miżieb u l-Aħrax huma l-ikbar imsaġar ta' Malta. Bejniethom fihom ħames darbiet daqs il-Buskett. Issa li dawn l-artijiet spiċċaw f'idejn il-kaċċaturi, il-qtil tal-għasafar fihom se jkun orrendi.**



Dehra mill-ajru ta' parti mill-masġar tal-Miżieb

**Il-BirdLife tikkundanna l-għoti ta' art publika lil grupp nies li kull ma jinteressahom hu li joqtlu l-għasafar.**